KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 384

It-Tnejn 13 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet fis-7.30pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**384.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**384.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 383. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**384.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

**384.2.2** 383.2.1 Is-Sindku qal li saret konsultazzjoni mal-Avukat Dr. Sladden, mal-Perit Cacopardo u l-Perit tal-Kunsill N.Felice. Skond il-Perit Cacopardo l-ittra ġenerika li tintbagħat mill-Kunsill m'għandhiex validita' sakemm ma jkunx fiha r-raġunijiet speċifiċi għaliex qed issir l-oġġezzjoni. Dan qabel miegħu l-Avukat. Filwaqt li l-Perit tal-Kunsill u anka l-Kunsillier il-Perit Julian Borg qalu li permezz ta' din l-ittra, li ilha tintbagħat għal dawn l-aħħar ħames snin, l-Kunsill dejjem żamm id-dritt li jkun eliġibbli għal appell, għal żmien indefinit. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qablet ma' dan, u li din l-ittra tibqa' tintbagħat sakemm tiġi riveduta skond il-bżonn. Hija talbet lis-Sindku biex din l-ittra tiġi riveduta u emendata b'konsultazzjoni mal-Perit u l-Avukat.

**384.2.3** 383.7 Is-Sindku qal li intbagħtet ittra lill-għaqdiet biex jinfurmawna jekk humhiex interessati jqassmu l-fuljetti bieb bieb. Kienu tlett għaqdiet li urew l-interess: il-Grupp tal-Armar u ż-żewġ baned. Għalhekk, peress li l-Grupp tal-Armar u l-Banda San Nikola diġa' qassmu iktar drabi, ġie deċiż li din id-darba jitqassmu mill-Għaqda Siggiewi Festival Brass Band għal prezz ta' €200.

**384.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**384.3.1** Is-Sindku rrefera għal korrispondenza mis-Sur Nichola Spiteri mill-Għaqda tan-Nar bis-suġġett Digital Siggiewi, fejn qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill għal kompetizzjoni ta' ritratti diġitali, li wara jiġu użati fi proġett ikbar fi żmien il-festa. Dan il-proġett ma jinvolvi l-ebda spiża lill-Kunsill iżda l-involviment tal-Kunsill tgħin biex tagħti espożizzjoni ikbar. Il-Kunsill imbagħad ikollu id-dritt juża dawn ir-ritratti fi proġetti tiegħu. Is-Sindku talab lill-Kunsill jekk jaqbilx li jikkollabora f'dan il-proġett Il-Kunsill qabel unanimament, bil-kundizzjoni li kull materjal li ser jiġi użat għal promozzjoni jkun jinkludi l-logo tal-Kunsill.

**384.3.2** Is-Sindku qal li rigward il-każ tal-ħlas lill-Kuntrattur LBV Ltd. għal xogħlijiet konnessi mal-Kuntratt LCS36/16, *Reconstruction of New Public Convenience To Include Disabled Access and Gender Neutral Facilities at Għar Lapsi,* l-avukati waslu għall-ammont ta' €30,000 bħala ħlas finali. Is-Sindku talab lill-Kunsill japprova dan il-ħlas kif ukoll l-iskrittura ta' transazzjoni mħejjija mill-Avukat. Il-Kunsill unanimament qabel li jgħaddi s-somma msemmija għad-dannu tal-pretensjonijiet kollha mingħajr l-ebda imgħax, u li jiġi infurmat id-DLG bin-nuqqasijiet ta' dan il-kuntrattur u dan sabiex jinforma Kunsilli oħra u l-istorja ma' tirrepetix ruħha.

**384.3.3** Is-Sindku rrefera għall-Ċirkolari AKL2020/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2020. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex min diġa huwa kopert b'polza ta' assikurazzjoni simili għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex ma jiġix inkluż, kif ukoll biex min jixtieq jinkludi lid-dipendenti jgħaddi l-flus mill-iktar fis lill-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni għall-ħlas kif mitlub fiċ-ċirkulari. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**384.3.4** Is-Sindku irrefera għall-korrispondenza mingħand il-GreenHouse bis-suġġett 'Street art permission Inquire' fejn qed jitolbu li l-Kunsill jidentifika area fejn isir graffiti bis-suġġett ta' flora u fawna. Ġew issuġġeriti l-playingfield Nalizpelra u l-outdoor gym. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit proponiet li jintalbu ritratti bħala sample tax-xogħol tagħhom biex il-Kunsill ikollu idea tal-aspettativa u x'permanenza għandha din iż-żebgħa fil-post. Il-Kunsill qabel ma' dan u s-Sindku talab biex min ikollu xi ħsieb ta' fejn jista' jsir dan il-graffiti jressaqha 'l quddiem.

**384.3.5** Is-Sindku infurma li mit-2 ta' Jannar 2020, is-Sur G.Grech intbagħat mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi taħt l-iskema tal-Community Workers Scheme, u qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni.

**384.3.6** Is-Sindku infurma li l-impjegata M. Sammut kienet tat ir-riżenja tagħha mill-impjieg, u ttem il-kariga mal-Kunsill fid-29 ta' Jannar 2020. F'dan ir-rigward, is-Sindku talab l-approvazzjoni biex jibda l-proċess biex tinħareġ is-sejħa għal post vakat. Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għal post ta' Clerk fuq Skala 15.

**384.3.7** Is-Sindku talab li l-Kunsill jaħtar bord ta' aġġudikazzjoni, u propona li l-Bord ikun iffurmat minnu bħala Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit bħala *minority-leader* u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament qabel.

## 384.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 384.5 Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ – estensjoni tal-Kuntratt LCS24/17A u t-tlestija tal-proġett

Is-Sindku qal li peress li x-xogħol fuq il-bini tal-ħitan taħt din il-Miżura kien waqa' lura minħabba li ħabat mal-Proġett tal-WSC, kienet intalbet 'Change Request' għal estensjoni fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet tal-31 ta' Marzu 2020, liema rikjesta ġiet approvata. Għalhekk, is-Sindku talab li jiġi estiż il-Kuntratt ta' xogħol LCS24/17A sal-istess perjodu.

Is-Sindku infurma wkoll li kien hemm xi tibdiliet fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet peress li minn meta saret l-applikazzjoni għal issa, is-selħiet li kienu ġew approvati oriġinarjament kibru, kemm minħabba forza maġġuri kif ukoll minħabba ix-xogħlijiet estensivi li kien hemm fit-toroq. Għalhekk, wara li l-Kunsill ikkonsulta mal-Managing Authority, ser issir 'Change Request' oħra biex tul ta' ħajt sħiħ bl-istess qisien kif approvat fil-ftehim, minflok biċċiet żgħar biex xorta jkun hemm konformita' mal-proġett.

## 384.6 Kuntratti

**384.6.1** Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jibda l-proċess ta' tendering ta' *Planting of Public Spaces* u tal-Miżura 4.4, *Works tender for the reconstruction and restoration of Rubble walls*.
Il-Kunsill unanimament qabel.

**384.6.2** Is-Sindku talab li l-Kunsill jaħtar bord fuq it-tenders u propona li jkun iffurmat minnu bħala s-Sindku, il-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Dr. Alessia Psaila Zammit u l-Perit Julian Borg. Il-Kunsill unanimament qabel.

Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tal-Aġenda peress li l-Kunsilliera Francine kienet qed taħdem fuq il-proġett Achievers kienet għadha ma waslitx (item 384.7)

384.8 **Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2020**

Is-Sindku stieden lil kull Kunsillier jinnomina persuna, għaqda jew grupp li jkunu iddistingwew ruħhom f'xi qasam ta' kultura, filantropija jew fil-kamp sportiv favur il-lokal u r-residenti . Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat lista ta' dawk kollha li kienu ġew rikonoxxuti matul is-snin lill-Kunsilliera kollha. Huwa talab biex kull Kunsillier iressaq l-isem tan-nominat fis-Seduta li jmiss.

Is-Sindku propona wkoll li l-Kunsill jagħti ċertifikat ta' rikonoxximent lil persuni li b'xi mod ikunu taw il-kontribut tagħhom iktar minn dak mistenni minnhom, biex il-Kunsill juri l-apprezzament. Il-Kunsillieri Julian Borg qal li jaqbel ma' din l-inizjattiva iżda jissuġġerixxi li dawn jingħataw f'okkazjoni oħra u mhux fis-serata tal-Onorefiċenza.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia daħlet fis-7.30pm.

384.7 **Proġett Achievers**

Is-Sindku qal li d-data tal-għeluq għall-applikazzjoni ta' dan il-proġett ġiet estiża sat-28 ta' Jannar 2020. Huwa talab lill-Kunsilliera Francine Farrugia tispjega l-applikazzjoni li kienet qed taħdem fuqha, u li l-Kunsill ħa japplika għal proġett li jammonta għal €3,000.

Il-Kunsilliera Farrugia qalet li l-iskop ta' dan il-proġett huwa li jinstiga l-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ fil-komunita' biex ikunu attivi mingħajr użu ta' sustanzi. Il-proġett iħajjar liż-żagħżagħ jinkludu l-isports fir-rutina tal-ħajja. L-applikazzjoni tinvolvi kampanja online ta' kuxjenza favur ħajja aħjar bl-isport u attivita' sportiva (fun-run), bl-involviment ta' għaqdiet sportivi lokali u anka l-Aġenzija Sedqa li ser tkun qed tagħmel talks fuq is-suġġett.

384.9 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Ma ssemmew l-ebda materji konnessi.

384.10 **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.
Ma tqajjem l-ebda punt fuq il-korrispondenza.

384.11 **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

384.12 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

384.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

384.12.2 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit rreferiet għal pagament lill-Każin tal-Banda għal kiri tas-sala għal attivita' tal-anzjani fil-Milied li kienet ssemmiet fil-laqgħa preċedenti. Hi qalet li kien hemm nuqqas li l-kunsilliera ma ġewx mistiedna għal attivita' iżda imbgħad jiġu ffaċjati b'lista ta' pagamenti li tinkludi ħlasijiet għal attivitajiet li tħallew barra minhom. Hija reġgħet saħqet fuq in-nuqqas li Kunsillier Adrian Farrugia ikkommetta l-ispiża għall-kiri tas-Sala bla ma nforma lis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku, u mingħajr ma kien hemm ftehim fuq l-ammont ta' flus, kif indikat ukoll fil-minuti tal-laqgħa preċedenti. Hi qalet li filwaqt li l-Każin tal-Banda ma kellu l-ebda ħtija għax l-arranġament sar minn Kunsillier, f'isem l-Kunsill Lokali, iżda mingħajr ma segwa l-proċeduri. Dan l-aġir jista' jfixkel relazzjoni tajba tal-Kunsill Lokali mal-Każin tal-Banda u bejn l-għaqdiet bejniethom u għalhekk mhux aġir denju u eżemplari ta' kunsillier.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

384.13 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**384.13.1** Il-Kunsillier Francine Farrugia irreferiet għal Minuti tas-Seduta 383, item 383.4.2, is-sitt paragrafu. Hija qalet li dan l-istatement jiġġeneralizża u li jiġbor fih lil kulħadd. Hija qalet li tħoss li hija insinwazzjoni peress li hi stess tokkupa l-irwol ta' kaxxiera f'Każin tal-Banda iżda dan ma jfissirx li kien hemm b'xi mod kunflitt ta' interess. Hija qalet li huwa fl-obbligu tagħha bħala Kunsilliera li tastjeni meta jkun hemm konnessjoni diretta f'xi deċiżjoni fil-Kunsill, kif għandhom jagħmlu l-Kunsilliera kollha skond il-Kodiċi ta' etika tal-Kunsilliera.
Is-Sindku qal li ma jaqbilx li Kunsillier jiġġeneralizża fi statement. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li l-opinjonijiet kif spjegati fil-Minuti preċedenti kienu riferuti direttament għal li ġara fl-attivita' ta' Milied fil-Pjazza.

**384.13.2** Is-Sindku qal li daħal rapport li hemm siġra tal-prinjol mejta fl-area ta' Ramija. Huwa qal li dan ġie kkonfermat minn Ambjent Malta u l-Kunsill ser japplika għal permess biex titneħħa u jitħawlu siġar indiġeni oħra fl-inħawi.

**384.13.3** Il-Viċi Sindku qalet li hemm mera tat-traffiku imkissra fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi kif toħroġ minn Triq Annunziato Schembri.

**384.13.4** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm numru ta' bozoz fis-sentina ta' Għar Lapsi ilhom maqtugħa ġimgħat.

**384.13.5** Huwa qal li hemm bżonn jitbattal id-dog bin fi Triq Nicolo Baldacchino, u staqsa f'liema proċess waslu l-ismart bins li l-Kunsill kien applika għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm bagħtet diversi reminders, ir-risposta dejjem tkun li għadu għaddej il-proċess.

**384.13.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li tixtieq tressaq diversi ilmenti fosthom:
mera imkissra fi Triq l-Imqabba kif toħroġ minn Triq Lażżru Pisani. Hija qalet li din il-mera bżonnjuża mmens għar-residenti kollha li joqogħdu f'dik it-triq.

**384.13.7** bankina imkissra hdejn il-ħanut Nick's Agriculture fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

**384.13.8** Tħalla ħafna materjal ħdejn it-traffic lights fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi wara li sar xogħol minn Infrastructure Malta

**384.13.9** Irċeviet diversi ilmenti minn residenti li qalgħu ċitazzjoni għal ipparkjar ħażin fi Pjazza San Nikola. Hija talbet li tingħata linja gwida għall-ipparkjar biex ir-residenti jkunu jafu jekk hux illegali jew le tipparkja fin-nofs, meta filfatt mhux dejjem jingħataw ċitazzjonijiet.

**384.13.10** Hemm bżonn 'refreshing' tas-sinjali fi Triq in-Nirien

**384.13.11** Bozza maqtugħa tax-Xurraf. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet indikazzjoni tas-sit eżatt.

**384.13.12** Bankina imkissra quddiem sit li qiegħed taħt konstruzzjoni fi Triq Angelo Dorini li qed toħloq periklu għal min jgħaddi.

**384.13.13** Issemmiet ukoll ic-centre strip li saret ġdida minn Infrastructure Malta quddiem Ġnien Albert Fenech biex tiġi mmarkata u jeħlu t-tabelli neċessarji mill-iktar fis biex jiġi evitat periklu.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ħarġet fit-8.10pm.

**384.13.14** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm bżonn żieda ta' bins tal-klieb fi Triq Blat il-Qamar lejn iċ-ċimiterju.

384.13.15 Hija qalet li hemm area quddiem id-djar fi Triq Salvu Curso li niżlet u qed iżżomm ħafna ilma.

384.13.16 Ġibdet l-attenzjoni fuq madum fuq il-bankina fi Pjazza San Nikola li qed jiċċaqlaq u faċli xi ħadd jaqa' fiħ speċjalment anzjani neżlin mill-Knisja, b'mod partikolari quddiem Louis Stationery.

384.13.17 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa rigward bozza li ilha maqtugħa xhur fi Triq Ġużeppi Agius. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dik il-bozza mhix maqtugħa iżda mingħajr konnessjoni tal-Enemalta. Għalhekk saret applikazzjoni ta' STL li għadha pendenti.

384.13.18 Il-Kunsillier Borg staqsa rigward il-fanal dekorattiv li kien tkisser minn terzi fi Triq Ta' Brija u li weħel reċentement iżda għadu ma jixgħelx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan kien ġie skonness minħabba periklu meta tkisser, u issa reġgħet saret applikazzjoni STL li qegħda pendenti għand l-Enemalta.

384.13.19 Il-Kunsillier Borg talab biex jiġi ċċekjat ma' Infrastructure Malta li qed jagħmlu l-line markings ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi rigward il-linja tan-nofs li qabel kienet sħiħa u issa saret intermittenti.

384.14 **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2020 fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

.

Konfermati, illum 17 ta' Frar 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv